MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Numru. 1155/2006

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**

**ILLUM 24 TA’ APRIL 2008**

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA**

**KONTRA**

**RUBEN AGIUS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Ruben Agius ta’ 30 sena, bin Alfred u Sylvia nee’ Muscat, mwieled Mtarfa Rabat nhar is- 17 ta’ Frar 1976, u residenti fil-fond Sea Spray Apartments , Triq it- Tartarun, Qawra, detentur ta’ Karta tal-Identita’ bin-numru 103876(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:
1. F’ dawn il- Gzejjer, ix- xahar ta’ Awwissu 2006 u fix- xhur ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha u zamm ghandu tlett elef, tliet mija u wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (LM 3,391.55), liema flus kienu jappartjenu lis- socjeta’ London Services Ltd, operaturi ta’ Avis Rent a Car & Lease, u liema flus kienu gew fdati jew ikkusinnati lilu minhaba l- professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu;

2. Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, b’mezzi kontra l- ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intrapizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal ama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta’ tlett elef, tliet mija u wiehed u disghin lira Maltin u hamsa u hamsin centezmu (Lm 3, 391.55), bi hsara ta’ haddiehor,

3. U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l- kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf b’ xi att pubbliku tal- Gvern, u

cioe’ tmin (8) cekkijiet ta’ l-HSBC pagabbli lil London Services Ltd jew Avis Rent a Car;

4. Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra ffalsifikati, illi meta jigu pprezentati wiehed jista’ jircievi bihom hlas, jew jiehu l- kunsinna ta’ oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b’ xi att pubbliku tal- Gvern, u cioe tmin (8) cekkijiet ta’ l- HSBC pagabbli lil London Services Ltd jew Avis Rent a Car;

5. U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f’ att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privt, b’ falsifikazzjoni jew b’ tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il- pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’ dawk l- atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe tmin (8) cekkijiet ta’ l- HSBC pagabbli lil London Services Ltd jew Avis Rent a Car

6. Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza, u cioe tmin (8) cekkijiet ta’ l- HSBC pagabbli lil London Services Ltd jew Avis Rent a Car

7. U aktar talli fl- istess perjodu lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni hu kkonferma wara li nghata zmien skond il-ligi sabiex jikkonsidra;

Rat illi fil-mori ta’ dawn il-proceduri, l-imputat hallas l-ammonti kollha dovuti minnu lit-terzi kif indikati fit-tahrika, u ghalhekk ghall-finijiet ta’ piena, hu jista’ jibbenefika minn riduzzjoni ai termini tal-Artikolu 337 tal-Kap 9;

Ikkunsidrat:

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 293, 294, 310 (1) (a), 308, 309, 167(1), 169, 183, 184, 189 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat Ruben Agius hati u ghal daqs tant tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) – il xahar millum, ai termini tal- Artikolu 22 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D, MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------